MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Avviz Numru. 492/2004

**Avviz numru 492/04 DM**

**Malta International Airport p.l.c. (C 12663)**

**Vs**

**Gafa Saveway Limited (C 15908)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' erba' t'elef, mitejn u disghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm4,290.78) rappresentanti ammont dovut bhala arretrati ta' 'concession fee' u spejjez tat-telefon naxxenti minn kuntratt datat 30 ta' Awissu, 1999, kif jidher minn 'statement of account' anness ma' l-Avviz u mmarkat bhala dokument 'A'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali, u bl-interessi sa mid-data ta’ meta l-ammont sar dovut, kontra s-socjeta’ konvenuta li sa minn issa hija ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-kumpanija konvenuta ghalkemm ikkontestat it-talba attrici fis-seduta tal-21 ta’ Jannar, 2005, b’nota pprezentata fit-28 ta’ Jannar, 2005, ammettit it-talba attrici.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ erba’ t’elef , mitejn u disghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm4,290.78) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-14 ta’ Settembru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------